## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-25 ta' Frar, 2016

Appell Nru: 461/2014

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Saviour Ellul**

**Carmel Ellul**

**Lawrence Ellul**

**John Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati, Saviour Ellul, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 524860M, Carmel Ellul, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 448663M, Lawrence Ellul, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 207950M u John Ellul, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 716657M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' kummercjali 'MFF Limited' (C15289), b'indirizz registrat Elbros, Triq l-Industrija, Kirkop, Malta u/.jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta' kummercjali sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-pagi dovuti ghall-perjodu ta' bejn il-21 ta' April, 2013 u s-26 ta' April, 2013, ammontanti ghal- €236.80, naqsu li jhallsu l-Weekly Allowance dovut ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April, 2013 u s-26 ta' April, 2013, ammontanti ghall-€18.64, naqsu li jhallsu l-Bonus Statutorju dovut ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2013 u s-26 ta' April, 2013, ammontanti ghall-€85.84, naqsu li jhallsu s-sahra dovut ghall-perjodu ta' bejn il-21 ta' April, 2013 u s-26 ta' April, 2013, ammontanti ghall-€124.32 u naqsu li jhallsu l-Vacation Leave dovut ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2013 u s-26 ta' April, 2013 u s-26 ta' April, 2013, ammontanti ghall-€586.02, li b'kollox jammontaw ghal elf wiehed u hamsin ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,051.62), inkluzi t-taxxa u l-bolla, liema ammont hu dovut lill-ex impjegat taghhom, u cioe' lil Geoffry (Geoffry John) Spiteri (ID Nru 0221176M), fis-26 ta' April, 2013.

Il-Qorti kienet mitluba tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007, sabiex ihallsu l-penali skond il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ihallsu lil Geoffry (Geoffry John) Spiteri (ID Nru 0221176M)l-ammont ta' elf wiehed u hamisn ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,051.62) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 5, 22(1), 22(2), 23, 45, 46 U 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta; skond ir-regolamenti 8(1), 8(4), 8(5) u 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003, hekk kif

emendat mill-Avviz Legali 427 tal-2007, rat in-nuqqas ta' interess tal-parte civile u ddikjarat il-kawza bhala irtirata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **tannulla, thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata fl-intier taghha u tipprocedi ai termini tal-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi dan l-appell jitratta dwar kawza quddiem il-prim'istanza migjuba kontra l-appellati fuq talba tad-Direttur tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg wara rapport maghmul lilu minn Geoffry (Geoffry John) Spiteri dwar allegat nuqqas ta' hlas ta' paga u emolumenti ohra wara l-impjieg tieghu mas-socjeta' diretta mill-appellati. L-Avukat Generali qieghed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara s-sentenza appellata bhala wahda nulla u bla effett. Fis-sottomissjonijiet taghhom quddiem din il-Qorti, l-appellati jikkontendu li wara l-ghoti tas-sentenza hawn skrutinata, d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jappella mill-istess fit-termini tal-artikolu 413(3) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. L-istess appellati ghalhekk jargumentaw illi l-appell interpost huwa irritu u null u dan ghaliex l-artikolu 413(3) ma jghatix dritt ta' appell lill-Avukat Generali;

Ikkunisdrat inoltre illi l-artikolu 413(3) tal-Kapitolu 9 jipprovdi hekk:

*(3) Meta l-imputat jew il-kwerelat jigi illiberat ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fis-subartikolu (1)(b) (iv), (v) u (vi), il-qorti fis-sentenza ghandha ssemmi bic-car din ir-raguni; fin-nuqqas ta' dan, is-sentenza tkun nulla, u din in-nullita' tkun taghti jedd ta' appell lill-Avukat Generali, u, fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 373, lill-kwerelant.*

Is-subartikoli appena msemmija jipprovdu hekk:

*413(1)(b) f'Kazijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' proceduri sommarji ghal reati li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht l-artikolu 370(1), l-Avukat Generali, u fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant meta:*

*(iv) l-imputat jew l-intimat jigi liberat minhabba f'li -*

*(i) L-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat,*

*(ii) L-azzjoni tigi estinta,*

*(iii) Ikun hemm sejbien ta' htija jew liberazzjoni precedenti;*

*(v) l-intimat, f'kaz li fih ikun gie permess li jipprova l-verita tal-fatt attribwit lill-kwerelant skond id-disposizzjoni tal-artikolu 253, jigi dikjarat bhala ezenti mill-piena;*

*(vi) Il-Pulizija jew, skond il-kaz, il-kwerelant ma jkunx gie permess waqt il-kawza li jipproduci, b'appogg ghall-akkuza, xi prova indispensabbli li kienet ammissibbli skond il-ligi.*

Issa, qabel kull konsiderazzjoni ohra dwar l-eccezzjoni sollevata mill-appellati, tajjeb li jinghad illi l-kawza appellata kienet appuntata ghas-smiegh quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghal-14 ta' Mejju 2014 izda mill-atti processwali jemergi illi l-ewwel seduta quddiem dik il-Qorti sehhet fid-29 t' Ottubru 2014. Fil-fatt dik kienet l-ewwel u l-ahhar seduta ghaliex minnufih

inghatat sentenza. Dik is-sentenza, wara li tirreplika l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati, tissokta b'dan il-mod:

***Il-Qorti:***

***Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;***

***Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;***

***Wara li semghet ix-xhieda mressqa;***

***Wara li rat l-Artikoli 5, 22(1), 22(2), 23, 45, 46 u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta; skond ir-regolamenti 8(1), 8(4), 8(5) U 22 TAL-Avviz Legali 247 tal-2003, hekk kif emendati mill-Avviz Legali 427 tal-2007;***

***Ikkunsidrat:***

***Il-Qorti tinnota nuqqas ta' interess mill-parte civile;***

***Din l-Qorti tiddikjara din il-kawza bhala irtirata.***

Tajjeb ukoll li jkun riprodott l-verbal tas-seduta singolari f'din il-kawza, igifieri dak tad-29 ta' Ottubru 2014:

***Meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Elizabeth Borg u Dr. Lynn Spiteri Dalmas ghad-Dipartiment [,] ghall-Prosekuzzjoni WPC 273 Karen Cassar;***

***Deheru l-imputati;***

***Deciza Irtirata stante illi l-parte civile ma ghandhomx interess.***

L-appellati ghandhom ragun jargumentaw illi l-artikolu 413(3) mhux applikabbli ghal-kaz odjern izda mkien fl-appell tieghu l-Avukat Generali ma indika li kien qieghed jinterponi appell fit-termini tal-istess artikolu. L-Avukat Generali jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt, essendo kawza *ex officio*, tirtira hi stess l-kawza. Il-fatt illi d-Dipartiment talab lill-Kummissarju tal-Pulizija jinterponi appell fit-termini tal-artikolu 413(3) tal-Kap 9 ma jorbotx lill-Avukat Generali li jressaq il-gravami tal-appell fit-termini tal-istess artikolu. L-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell ukoll meta skond is-subinciz (1)(b) (viii) tal-artikolu 413, ***id-decizzjoni tal-qorti inferjuri hija nulla minhabba nuqqas ta' formalita' jew minhabba htigiet ta' procedura***. Dan is-subartikolu kien introdott fil-Kapitolu 9 bis-sahha tal-Att XXIV tal-2014 u dahal in effett fl-14 ta' Awissu 2014 bis-sahha tal-Avviz Legali 275 tal-2014. Dan ifisser illi meta kienet prolatata s-sentenza appellata fid-29 t'Ottubru 2014, dan id-dritt ta' appell kien gia miftugh ghall-Avukat Generali. L-eccezzjoni tal-appellati ghalhekk qed tkun michuda;

L-appellati ukoll jghamlu referenza ghal-fatt illi fir-rikors tal-appell tieghu l-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-parti leza bhala Kenneth Gauci minflok Geoffry (Geoffry John) Spiteri. Kenneth Gauci huwa l-parti leza fil-kaz identiku fl-appell numru 460/2015 izda dan wahdu ma jimporta ebda nullita' fir-rikors tal-appell u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun michuda.

Ikkunsidrat inoltre illi fl-appell tieghu, l-Avukat Generali, kif gia inghad, iressaq bhala gravami in-nullita' tas-sentenza emergenti mill-fatt illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tirtira l-kawza ghaliex din kienet wahda *ex officio* u anke jekk ma kienx hemm interess mill-parte civili, kellha xorta wahda tghaddi biex tisma u tiddetermina l-kawza skond il-provi migjuba. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti kollha hi fid-dover li tissolleva hi stess in-nullita tas-sentenza appellata. Frankament ma

tistghax tifhem kif l-Ewwel Qorti ddecidiet *marte proprio* li l-kawza kienet irtirata. Fl-ewwel lok ghalkemm l-Ewwel Qorti ddikjarat illi ezaminat il-provi u semghet ix-xhieda, fir-rejalta' ma xehed hadd u ma kienu esebiti ebda dokumenti fl-ewwel u l-unika seduta. Di piu', sabiex tkun iritirata kawza jehtieg li jkun hemm azzjoni pozittiva da parti ta' min kien ppropona l-kawza u minn dan kollu ma jirrizulta xejn mill-atti processwali. Lanqas ma jirrizulta li ssejjah biex jixhed il-parti interessata u anqas ma jirrizulta li ssejhu biex jixhdu persuni mid-Dipartiment. Hija ghalhekk verament inspjegabbli l-linea li hadet l-Ewwel Qorti bil-konsegwenzi illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu. L-Ewwel Qorti kellha d-dover li tisma' l-kawza u tghaddi ghad-decizzjoni taghha billi jew ssib lill-appellati mhux hatja u tilliberahom jew issibhom hatja u taghti dik is-sanzjoni appozita u misthoqqa. Fil-kaz li l-prosekuzzjoni tghazel li tirtira l-kwerela, jekk dak ikun permessibbli skond il-kaz, imbaghad il-Qorti tista' timxi mod iehor izda zgur li mhux tiddeciedi li l-kawza hija irtirata ghaliex l-parte civile ma wera ebda interess meta l-parte civile, kif jidher mill-atti, l-anqas biss inghata l-opportunita' li jesponi l-kaz tieghu kif inhu fid-dritt li jaghmel.

Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett. Tordna li l-atti jkunu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tisma' u tiddeciedi l-kaz skond il-ligi.